

**Brussell, 16 ta' Awwissu 2022
(OR. en)**

11802/22

**ENER 394
ECOFIN 802**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 385 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru u tal-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 385 final.

Mehmuż: COM(2022) 385 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2022
COM(2022) 385 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru u tal-Fond
Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika**

{SWD(2022) 204 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru u tal-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika

Is-sinpla tal-Unjoni tal-Enerġija hija infrastruttura reżiljenti. Is-sena l-oħra, fl-2021, il-kooperazzjoni reġjonali ssaħħet b'mod konsiderevoli.

F'dak il-kuntest, l-EEPR qeda rwol ewlieni fl-appoġġ finanzjarju lill-infrastrutturi ewlenin ta' interess komuni għall-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku u tal-gass u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista.

I. IL-PROGRESS LI SAR FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

L-infrastruttura tal-enerġija u l-innovazzjoni, li huma l-muturi tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR), għadhom importanti llum daqskemm kienu fl-2009 meta ġie stabbilit l-EEPR.

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-proġetti f'kull parti tal-EEPR u fl-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF). Dan isegwi r-rapport li ġie adottat fl-2021¹. Ikopri l-implimentazzjoni tal-proġetti bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 u l-pagamenti li saru tul dak il-perjodu.

II. L-IMPLIMENTAZZJONI ĠENERALI TAL-PROĠETTI (EEPR)

Sal-aħħar ta' Diċembru 2021, ingħalqu (tlestew jew ġew terminati) 57 minn 59 proġett u b'kollox tħallsu EUR 2 615 657 214 (wara li tnaqqsu l-ordnijiet tal-rkupru ta' EUR 203 322 313) lill-benefiċjarji (ara l-Anness).

Is-sitwazzjoni tal-infrastrutturi tal-gass u tal-elettriku hija kif ġej: il-maġġoranza tal-proġetti tlestew u bħalissa għaddejjin żewġ proġetti.

Il-promoturi tal-integrazzjoni tal-Enerġija mir-Riħ lil Hinn mill-Kosta (OWE) fil-grilja għamlu progress ġmielu, filwaqt li l-promoturi tal-aħħar proġett li fadal għall-Ġbir u l-Ħżin tal-Karbonju (CCS) iddeċidew li jwaqqfu l-appoġġ finanzjarju tagħhom lill-proġett.

Il-Kummissjoni għażlet li tibqa' tipprovdi l-appoġġ finanzjarju tagħha lill-investituri sakemm tibqa' ċara l-possibiltà ta' Deċiżjoni Finali dwar l-Investment (FID) u l-proġett jibqa' jipprovdi valur sostanzjali lis-soċjetà.

1. L-INFRASTRUTTURA TAL-GASS U TAL-ELETTRIKU

Is-subprogramm tal-infrastruttura tal-EEPR appoġġa 44 proġett fi tliet oqsma ewlenin ta' attività (l-Interkonnetturi tal-gass, il-Fluss tal-gass fid-direzzjoni opposta, u l-Elettriku).

B'kollox ġew impenjati EUR 2 267 574 462 u sal-31 ta' Diċembru 2021, il-benefiċjarji kienu ngħataw EUR 1 692 273 968 minnhom. Il-pagamenti huma soġġetti għall-impenn sod tal-benefiċjarji li jimplementaw il-proġett permezz ta' Deċiżjoni Finali dwar l-Investment.

¹ Ir-rapport tal-2020 adottat fis-26.11.2021, COM(2021) 670 final.

1.1. IL-PROGRESS S'ISSA

Sal-lum, tlestew 42 proġett infrastrutturali minn 44, erbġħa proġetti ġew terminati u żewġ proġetti għadhom għaddejjin.

Fis-settur tal-elettriku, tlestew kull wieħed mit-12-il proġett.

Fis-settur tal-interkonnnetturi tal-gass, minn 18-il proġett tlestew 13; tnejn mexjin skont l-iskedar mill-ġdid, u tlieta minnhom ġew terminati.

Fil-qasam tal-proġetti tal-fluss fid-direzzjoni opposta u tal-interkonnnessjoni fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant tlestew 13-il proġett, u proġett wieħed fir-Rumanija ġie terminat mill-Kummissjoni f'Settembru 2014.

Mill-aħħar rapport ta' implimentazzjoni tal-EEPR, il-progress li ġej jista' jiġi enfasizzat b'mod partikolari:

- L-Interkonnnettur bejn il-Greċja u l-Bulgarija (IGB) hu rotta ewlenija biex il-gass mit-TAP u l-LNG Grieg jinġarr lejn it-Tramuntana u hu proġett importanti għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass fir-reġjun Ewropew tax-Xlokk. Dan hu proġett ta' interess komuni (PCI 6.8.1) u proġett ta' prijorità tal-konnettività tal-enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC). Il-Kummissjoni tat appoġġ politiku u finanzjarju lill-proġett sa mill-bidu nett. Il-proġett irċieva EUR 45 miljun mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru u EUR 39 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Il-kostruzzjoni tal-proġett tlestiet f'Lulju 2022, u issa mistenni jibda jiġihaddem f'Ottubru 2022.
- Fir-Repubblika ta' Ċipru, il-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija qed iħejji l-implimentazzjoni ta' terminal li jirċievi l-gass naturali, li se jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija Ċiprijotta u se jikkontribwixxi biex jintemm l-iżolament enerġetiku tal-gżira, u se jiffaċilita l-kompetizzjoni fil-ġenerazzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass minn produttori indipendenti. Skont informazzjoni mingħand il-promotur tal-proġett, il-faċilità LNG hi skedata li tiġi kummissjonata s-sena d-dieħla.
Fir-rigward tal-pipelines tal-gass f'Ċipru, skont is-Sommarju dwar l-Implimentazzjoni Teknika tal-2021 mill-promotur, il-proġett se jitlesti sal-2026. Fir-rigward ta' dawn il-pipelines tal-gass meħtieġa biex il-gass jingiebi mil-LNG sad-destinazzjoni tiegħu, l-awtoritajiet qed jikkunsidraw mill-ġdid il-fehmiet tagħhom dwar is-siti fejn se jinbnew l-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-gass naturali, u għaldaqstant inbidlu r-rotta rispettiva tal-pipelines u l-iskeda taż-żmien.

2. IL-PROĠETTI TAL-ENERĠIJA MIR-RIĦ LIL HINN MILL-KOSTA (OWE)

2.1. IL-PROGRESS S'ISSA

Is-subprogramm tal-Enerġija mir-Riħ lil Hinn mill-Kosta kellu 9 proġetti li kisbu appoġġ ta' EUR 565 miljun maqsumin bejn żewġ tipi ta' attivitajiet ewlenin:

- L-ittestjar, il-manifattura u l-introduzzjoni fuq skala kbira ta' turbini innovattivi u strutturi pedamentali lil hinn mill-kosta (6 proġetti); u
- L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq moduli għall-integrazzjoni fil-grilja ta' ammonti kbar ta' trażmissjoni tal-elettriku ġġenerat mir-riħ (3 proġetti).

Tlestew 7 proġetti minn 9, u 2 ġew terminati qabel iż-żmien. Il-proġetti ngħataw EUR 427 190 976 (meta jitnaqqsu l-ordnijiet tal-irkupru).

2.2 IL-PROGRESS S'ISSA SKONT IS-SETTUR

2.2.1 Il-progress li sar b'rabta mat-Turbini Innovattivi u mal-Istrutturi lil Hinn mill-Kosta

Għall-Aberdeen Offshore Wind Farm, il-ħdax-il turbina tar-riħ bl-akbar kapaċità fid-dinja (8,8 MW għal kull turbina f'dak iż-żmien, illum hemm turbini b'potenza nominali ta' 12 MW) bdew l-operazzjonijiet tagħhom fil-park eoliku lil hinn mill-kosta "Aberdeen Bay" ta' Vattenfall fl-1 ta' Lulju 2018. F'Settembru 2018 sar il-ftuħ uffiċjali tal-European Offshore Wind Deployment Centre (Aberdeen Offshore Wind Farm). L-aħħar rappurtar dwar il-proġett ġie ppreżentat u approvat f'Lulju 2020.

2.2.2 Il-progress li sar b'rabta mal-Integrazzjoni tal-Enerġija mir-Riħ fil-Grilja

B'mod ġenerali, l-eżekuzzjoni taż-żewġ proġetti li fadal, Kriegers Flak and COBRACable, avvanzat kif mistenni.

F'Settembru 2019, ġie kummissjonat l-interkonnettur COBRACable bejn id-Danimarka u n-Netherlands. Il-proġett COBRACable intemm f'Diċembru 2019. Ir-rapport finali ppreżentat f'Marzu 2020 ġie approvat u l-proġett ingħalaq.

Kriegers Flak, is-Soluzzjoni tal-Grilja Kombinata, bdiet titħaddem f'Diċembru 2020 fi tmiem il-proġett. Ir-rapport finali, ippreżentat f'Marzu 2021, ġie approvat u r-rappurtar finali tal-proġett ingħalaq.

3. QBID U ĦŻIN TAL-KARBONJU

Is-subprogramm tal-EEPR kellu 6 proġetti u ngħata appoġġ ta' EUR 1 biljun biex jikseb il-proċess kollu tal-qbid, tal-ġarr u tal-ħżin tal-karbonju.

Proġett wieħed (Compostilla fi Spanja) tlesta u pprova impjanti pilota operattivi għall-qbid, għall-ġarr u għall-ħżin. Erba' proġetti ġew terminati qabel iż-żmien għax il-promoturi tagħhom iddeċidew li ma jinvestux fihom, filwaqt li proġett wieħed intemm qabel tlesta. Dawn il-proġetti ngħataw EUR 387 099 179 (wara tnaqqis totali tal-ordnijiet tal-irkupru ta' EUR 145 294 400).

III IL-FOND EWROPEW GĦALL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA (EEEF)

F'Diċembru tal-2010 ġew allokat EUR 146,3 miljun mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) għal faċilità finanzjarja għall-proġetti tal-enerġija sostenibbli². Inizjalment ġew impenjati EUR 125 miljun bħala l-kontribuzzjoni tal-UE għall-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF). L-EEEF inħoloq f'Lulju tal-2011 u b'kollox laħaq volum ta' EUR 265 miljun³, bl-appoġġ ta' Faċilità ta' Għotjiet ta' Assistenza Teknika b'baġit ta' EUR 20 miljun u EUR 1,3 miljun għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 663/2009 li jstabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija.

³ Apparti dawk tal-Kummissjoni Ewropea, saru dawn l-investimenti addizzjonali: EUR 75 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investment, EUR 60 miljun minn Cassa Depositi e Prestiti SpA (CDP), EUR 5 miljun minn Investment Manager Deutsche Bank (DB), u fl-2020 EUR 10 miljun minn Deutsche Bundesstiftung Umwelt (DBU).

Bil-Faċilità ta' Għotja ta' Assistenza Teknika setgħu jiġu appoġġati investimenti⁴ li jgħinu biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-UE dwar il-klima f'diversi Stati Membri, fosthom fi Spanja, fil-Portugall, fi Franza, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fin-Netherlands u fil-Belġju, u fir-Renju Unit. Wara li skadiet l-iskadenza għall-allokazzjoni tal-Faċilità ta' Għotja għall-Assistenza Teknika, fl-2020 il-Kummissjoni rkuprat lura EUR 4 498 415 tal-allokazzjoni inizjali (ara l-Anness) fil-baġit tal-UE. L-EEEF jipprovdi finanzjament imfassal apposta (strumenti ta' dejn u ta' ekwità) għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tat-trasport urban nadif. Il-benefiċjarji huma awtoritajiet pubbliċi lokali jew reġjonali jew entitajiet privati li jaġixxu f'isimhom.

1. IL-PROGRESS S'ISSA

Fl-2021, żdiedet tranżazzjoni ġdida waħda mal-portafoll tal-Fond:

- L-EEEF b'kooperazzjoni ma' VIPA, l-Aġenzija Litwana għall-Iżvilupp tal-Investment Pubbliku, ħolqot pjattaforma ta' "Żvilupp ta' Riżorsi Sostenibbli"⁵. Tiffinanzja investimenti li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Għat-twaqqif tal-pjattaforma, l-EEEF u l-VIPA pprovdew EUR 12-il miljun. Dan il-finanzjament mistenni jiġġenera self għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli ta' aktar minn EUR 37 miljun, immirati lejn investimenti fis-settur pubbliku u fis-settur privat.

Mit-twaqqif tiegħu u sat-30 ta' Settembru 2021, l-EEEF iffirma kuntratti ma' 17-il proġett li jiswew EUR 176 miljun u ġġenera investment finali ta' madwar EUR 324 miljun.

Abbażi tal-qafas għall-valutazzjoni tal-proġetti u għar-rappurtar tal-EEEF⁶ dwar l-iffrankar tal-enerġija primarja u tal-ekwivalenti għas-CO₂, sa Settembru 2021, l-investimenti tiegħu wasslu biex jiġu ffrankati kważi 584 235 tunnellata ta' CO₂ u 769 801 MWh ta' Enerġija Primarja⁷.

2. Il-Faċilità ta' Assistenza Teknika tal-EEEF

F'Novembru tal-2016, il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika nieda faċilità ġdida għall-Assistenza Teknika (TA). B'segwitu għall-faċilità ta' Assistenza Teknika tal-Kummissjoni Ewropea, immexxija mill-EEEF, il-Fond stabbilixxa għodda ġdida li tappoġġa lill-entitajiet pubbliċi ambizzjużi li jkollhom proġetti bankabbli ta' investment fil-qasam tal-enerġija sostenibbli. Dawn proġetti jrid ikollhom x'jaqsmu ma' inizjattivi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika, ma' inizjattivi tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira u/jew ma' inizjattivi tat-trasport pubbliku. L-EEEF qed jappoġġa lil benefiċjarji, li huma reġjuni, kunsilli lokali, universitajiet, sptarjiet pubbliċi u entitajiet pubbliċi oħra li jinsabu fl-Istati Membri tal-UE, billi jalloka servizzi ta' konsulenza għall-investimenti ppjanati, pereżempju billi jwettaq studji tal-fattibbiltà u awditi tal-enerġija, joffri servizzi legali u jwettaq analiżijiet tal-

⁴ Informazzjoni aktar dettaljata dwar dawn l-investimenti tista' tinkiseb minn hawn: <https://www.eeef.lu/european-commission-ta-facility.html>

⁵ Aktar dettalji jinsabu hawn: <https://www.eeef.lu/news-detail/vipa-and-eeef-join-forces-to-invest-in-sustainable-projects-in-lithuania.html>

⁶ Ir-Rapport Trimestrali Q3 2021 tal-EEEF, il-paġna 5, jinsab hawn: https://www.eeef.lu/quarterly-reports.html?file=files/downloads/Quarterly_Reports/2021/eeef-Quarterly-Report-2021-Q3.pdf

⁷ L-iffrankar kumulattiv tal-enerġija primarja qed jingħata biss għat-teknoloġiji tal-Effiċjenza Enerġetika u tat-Trasport Urban Nadif; dan jinkludi l-kalkoli minn meta jiġi konkluż il-ftehim finanzjarju sad-data tal-maturità tas-self, abbażi ta' stima (għall-proġetti li jkun għadhom fil-fażi tal-kostruzzjoni u li jkun ilhom jitħaddmu inqas minn sena) u abbażi tad-data reali (għall-proġetti li jkun ilhom jitħaddmu aktar minn sena). L-iffrankar qed jingħata għall-volum totali tal-investment fil-proġetti (i.e. investimenti tal-EEEF u mhux tal-EEEF).

vijabbiltà ekonomika. Il-faċilità ta' Assistenza Teknika tal-EEEF inġatati fondi mill-faċilità "ELENA" (Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali) fil-kuntest tal-Programm Orizzont 2020 tal-Unjoni Ewropea. Sa Diċembru 2021, din kienet diġà qed tappoġġa 8 benefiċjarji fl-Italja, fi Spanja u fil-Litwanja.

3. Konklużjonijiet ewlenin u prospetti

L-EEEF stabbilixxa progressivament rekord sod ta' investimenti profittabbli, u wara 10 snin ta' servizz diġà appoġġa 17-il proġett distint hafna⁸ (li 2 minnhom diġà tħallsu lura filwaqt li r-rikavati ġew investiti mill-ġdid fil-fond) f'diversi teknoloġiji fi 8 Stati Membri differenti u fir-Renju Unit.

IV. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

L-EEPR kiseb riżultati tajbin. Tlestiet l-infrastruttura tat-12-il proġett tal-elettriku u tal-maġġoranza tal-proġetti tal-gass; u bħalissa għaddejjin żewġ proġetti tal-gass li mistennija jitlestew fl-2022 u fl-2026. Il-kontroll strett tal-Kummissjoni Ewropea waqt l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti għen biex tiżdied l-effiċjenza ta' dan l-istrument.

Il-proġetti tal-Enerġija mir-Riħ lil Hinn mill-Kosta kienu aktar kumplessi milli mistenni iżda l-promoturi u l-kostrutturi nrexxielhom isibu soluzzjonijiet biex dawn jitlestew, xi drabi billi estendew it-tul tal-kuntratti. Tul il-12-il sena tal-programm, l-EEPR għen biex jinkiseb għarfien teknoloġiku u kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' interkonnessjoni tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

Għalkemm l-appoġġ finanzjarju tal-EEPR ma kienx biżżejjed biex iħeġġeġ lil kumpaniji jwettqu proġetti ta' wiri tas-CCS fuq skala kummerċjali, il-Kummissjoni għadha tqis is-CCS importanti għad-dekarbonizzazzjoni (teknoloġija affidabbli biss għall-ħżin fit-tul tad-diossidu tal-karbonju), għall-UE b'mod ġenerali, u b'mod partikolari għall-industriji tal-enerġija u b'użu intensiv tal-karbonju.

L-EEEF investa f'diversi proġetti tal-effiċjenza enerġetika u se jkompli jwessa' l-portafoll tiegħu u jipprova soluzzjonijiet finanzjarji u jiġġenera qligħ lill-azzjonisti tiegħu. L-EEEF iservi wkoll ta' mudell għall-istrumenti finanzjarji innovattivi billi jinvesti fi proġetti kosteffettivi u maturi tal-enerġija sostenibbli li jistgħu jiġbdu lejhom il-kapital privat filwaqt li juru l-vantaġġi kummerċjali ta' dawn l-investimenti u joħlqu rekord kredibbli għalihom.

⁸ Ir-Rapport Trimestrali Q3 2021 tal-EEEF, il-paġni 10-15, jinsab hawn: https://www.eeef.lu/quarterly-reports.html?file=files/downloads/Quarterly_Reports/2021/eeef-Quarterly-Report-2021-Q3.pdf